



Brussell, 21 ta' Frar 2020
(OR. en)

6174/20

JAI 132
ASIM 15
RELEX 138
FRONT 26
FIN 97

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Frar 2020

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5660/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati"

– Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Frar 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati", adottat mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3749 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

ir-Rapport Speċjali Nru 24/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

intitolat "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. FILWAQT LI JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 24/2019 bit-titolu "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati".
2. JIRRIKONOXXI l-enfasi importanti tar-Rapport Speċjali fuq l-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti.
3. JIEĦU nota tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha fir-Rapport Speċjali.
4. IFAKKAR li f'Ġunju 2019 il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali dwar id-direttiva riveduta dwar ir-Ritorn li għandha l-għan li żżid l-effikaċja tar-regoli interni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali u issa hija lesta għal negozjati interistituzzjonali.
5. IFAKKAR UKOLL li l-Kunsill qed jistenna bil-ħerqa sabiex il-Kummissjoni toħroġ bil-proposta għal Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tiegħu kont tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali meta jkun qed jiġi żviluppat dan il-Patt ġdid.